MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tas-16 ta' April, 2015

Numru. 784/2011

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Robert Vella)**

**Vs**

**Maria Stella Runza**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputata **Maria Stella Runza**, bint John u Antonia nee` Cassar, imwielda l-Hamrun fit-28/08/1940 u toqghod 40, Triq Anton Buttigieg, Hamrun detentrici tal-karta ta` l-identita`

numru 587740(M) giet *akkuzata talli fl-14/12/2010 ghall-habta tal-11:00hrs gewwa l-Pjazza tas-Saqqajja, Rabat, Malta waqt li kont qed issuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBV 165, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku ikkagunajt griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Doris Zammit skond ma' ccertifika Dr. Angel Farrugia M.D*.

*Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikata mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan*.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja li jinsab *a folio* 32 ta` l-atti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda moghtija f'dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**;

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti. Nhar l-14 ta` Dicembru 2010 ghall-habta ta` 11.00hrs, gewwa il-Pjazza tas-Saqqajja, Rabat, sehh incident fejn fih weggghet gravi Doris Zammit li allegatament kienet giet milquta minn vettura FBV165 misjuqa mill-imputata Maria Stella Runza. Saret investigazzjoni u a bazi ta` l-istess investigazzjoni, l-imputata tressqet il-Qorti biex tirrispondi ghall-imputazzjoni migjuba talli involontarjament, *inter alia* bi traskuragni, kkawzat feriti gravi fuq l-imsemmija Doris Zammit.

**Ikkunsidrat**;

*DWAR IL-FERITI*

Il-prosekuzzjoni jidher li addebitat lill-imputata bid-dispozizzjonijiet ta` l-Artikoli 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta (ara mhux biss l-imputazzjoni izda wkoll l-intenzjoni tal-prosekuzzjoni kif tirrizulta mill-affidavit tas-surgent, illum spettur, Luke Bonello *a folio* 4 ta` l-atti processwali). Pero` il-feriti gravi li garrbet Doris Zammit jinkwadraw perfettament fil-parametri tad-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 226(1)(a) u 218 tal-Kapitolu 9 (feriti gravi per natura u per durata). Issir referenza hawnhekk ghac-certifikat mediku mahrug mit-Tabiba Angel farrugia, li jinsab *a folio* 10 ta` l-atti – fejn il-feriti gew ikklassifikati bhala "grievous". Issir referenza wkoll f'dan il-kuntest, ghad-depozizzjoni tat-Tabiba Angel Farrugia li tinsab *a folio* 37 *et sequitur* ta` l-atti u ghall-affidavits ta` l-istess tabiba li jinsabu *a folios* 15 u 22 ta` l-atti. Giet meqjusa wkoll id-depozizzjoni ta` Mr. Frederick Zammit Maemple, konsulent ortopediku, li tinsab *a folio* 68 *et sequitur*, kif ukoll id-depozizzjoni tal-ispecjalista ortopediku Massimo Abela li tinsab *a folio* 83 *et sequitur* (flimkien mar-rapport tieghu dok MA2 *a folio* 90). Gie meqjus ukoll il-file mediku, ipprezentat minn Mr. Zammit Maemple bhala dok 4.

*DWAR ID-DINAMIKA TA` L-INCIDENT*

Din il-Qorti naturalment qieset id-depozizzjonijiet kollha tax-xhieda diversi li tressqu f'dan il-procediment. Minn dawn id-depozizzjonijiet, principlament dawk tal-allegata vittma Doris Zammit u dik ta` l-imputata, din il-Qorti setghet tislet zewg verzjonijiet. Dik tal-prosekuzzjoni fejn qed issostni illi waqt li Doris Zammit kienet fit-triq, quddiem il-fergha tal-Bank of Valletta (fil-Pjazza tas-Saqqajja, Rabat), bl-intenzjoni li taqsam ghan-naha l-ohra biex taqbad tal-linja, izda qabel ma bdiet taqsam, f'hakka t'ghajn, intlaqtet mill-vettura FBV165 misjuqa mill-imputata, liema vettura giet minn naha tal-lemin tal-allegata vittma Doris Zammit. Il-prosekuzzjoni ghalhekk qed taddebita ir-responsabbilta` ghall-incident fuq l-imputata Maria Stella Runza.

Imbaghad hemm il-verzjoni tad-difiza. L-allegazzjoni hi li wara li l-imputata daret mar-*round-about* kif titla t-telgha tas-Saqqajja, giet ghad-dritta direzzjoni lejn l-Imdina, kienet qed issuq wara l-karozzi, b'velocita` zghira, kultant tieqaf u taqla, tieqaf u taqla, meta f'hin minnhom, meta qorbot lejn il-fergha tal-Bank of Valletta, hasset daqqa mal-genb fuq in-naha tal-

passiggier. Bil-hasda, harget mill-vettura biex tara x'gara u rat lil Doris Zammit fl-art u qaltilha (l-imputata lil Doris Zammit) "Madonna x'ghamiltli, kif dhalt fuqi". Il-verzjoni tad-difiza hi li kienet Doris Zammit li effettivament imxiet ghal fuq il-vettura misjuqa mill-imputata. Id-difiza ghalhekk qed taddebita ir-responsabbilta` ghal dan l-incident fuq l-allegata vittma Doris Zammit.

Illi dan ix-xenarju ifisser li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti. Naturalment, mhux kull kunflitt fil-provi necessarjament igib bhala konsegwenza il-liberazzjoni tal-persuna mressqa. Il-Qorti trid tidhol f'aktar dettal fil-provi li jkollha biex tara jekk tkunx tista tholl dan il-kunflitt u ssib risposti plawsibbli. Fortunatament, fil-kaz odjern, hemm prova partikolari, oggettiva, li fil-fehema ta` din il-Qorti titfa dawl fuq id-dinamika ta` l-incident. Din il-prova hija wahda dokumentarja u tikkonsisti fl-istills mehuda mis-sistema tas-CCTV li kien hemm in operazzjoni mal-fergha tal-Bank of Valletta.

Id-dokument 5, konsisteni f'disc u 10 ritratti, gew ipprezentati minn PC1147 Antoine Fenech. L-10 ritratti huma stills imnizzla mid-disc imsemmija. Huwa ezercizzju importanti li wiehed jara bir-reqqa l-imsemmija 10 ritratti, kronologikament minn numru 1 sa 10. Dawn jiddokumentaw kif sehh l-incident. Jirrizulta car, fil-fehema ta` din il-Qorti, illi Doris Zammit, li kienet gia fit-triq (ara ritratt 1), bdiet miexja ghad-direzzjoni opposta (ara ritratt 2) – imkien fuq ix-xellug taghha ma tidher xi vettura, kif allegat l-imputata meta qalet li hija kienet qed issegwi vetturi ohra u l-vettura ta` quddiemha kienet xi hames piedi 'l quddiem minnha; anzi jidher car li l-imputata kellha "a clear visibility" ghax ma kien hemm propju xejn quddiemha x'itellifha. Meta mbaghad, ghall-gharrieda, minn naha tal-lemin ta` Doris Zammit – ara ritratt 3 – jidher li giet il-vettura ta` l-imputata, u sehh l-impatt.

Id-dinamika ta` l-incident kif inhu muri minn dawn l-istills igib lill-imputata passabbli ghar-reat addebitat fil-konfront taghha. Certament din il-Qorti fl-ebda cirkostanza f'dawn il-proceduri ma rriskontrat xi forma ta` sewqan eccessiv minn naha ta` l-imputata; u zgur li ma rrizultax xi forma ta` qziez minn naha tas-sewwieqa. **Fil-fehema ta` din il-Qorti dan kien incident sfortunat li sehh minhabba moment zghir, frazzjoni ta` sekondi, ta` nuqqas ta` attenzjoni minn naha ta` l-imputata. Kien hemm, ninn naha ta` l-imputata, anki jekk ghal frazzjoni ta` sekondi, nuqqas ta` "proper look out" u bhala konsegwenza sehh l-incident mertu ta` din il-kawza.**

Din ir-rizultanza, imnissla mill-prova oggettiva permezz ta` l-istills, hija l-prova principali u ghandha valur probatorju b'sahhtu bizzejjed u indipendenti minn kull sottomissjoni dwar iz-zebra crossing li hemm ftit il-boghod minn fejn sehh l-incident, dwar il-fatt jekk Doris Zammit kellhiex jew ma kellhiex taqsam jew tipprova taqsam minn fejn effettivament kienet ser tittenta taqsam u dwar il-fatt li l-hsarat fuq il-vettura ta` l-imputata ma kienux fuq quddiem izda li kienu mal-mudguard tan-naha tal-passiggier u l-mera ta` l-istess naha.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta' piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi, izda mhux biss:

a. il-fedina penali nettissima;
b. li, thares minn fejn thares lejh, dan kien incident sfortunat kemm ghall-vittma kif ukoll ghall-imputata, anzjana, mara ta` l-affari taghha, li zgur baqghet imdejqa ferm b'dak li gara u li zgur ma kienetx qed issuq b'xi qzies kif imdorrijin naraw fit-toroq taghna minn nies ta` kull eta li jahsbu li jistghu jitqazzu fis-sewqan taghhom meta jkunu wara l-*isteering*;

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b'rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema li, fil-qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif aktar-il fuq esposti, inkluz il-karattru ta` Maria Stella Runza, ma hux spedjenti li twahhal piena.

**Konkluzjoni**;

**Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 226 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lil Maria Stella Runza hatja ta’ l-imputazzjoni kif dedotta kontra taghha u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tillibera lill-istess Maria Stella Runza bil-kondizzjoni li ma taghmel ebda reat matul il-perjodu ta` tnax-il xahar mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.**

Il-Qorti fissret lil Maria Stella Runza fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk hija taghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------